# IL-QUĊĊIJA

*Ta'* Ġer. Azzopardi

It-twelid huwa ħaġa għażiża għalina l-bnedmin il-għaliex hu l-bidu ta' ħajjitna, għalhekk min b'mod u min b'ieħor jiftakar ta' kull sena f'għeluq sninu.

Naħseb li ma nkun qed ingħid xejn ħażin meta ngħid li l-Ingliżi huma l-iżjed nies li jieħdu ħsieb il-*Birth Day* tagħhom. Ewlieni f'din il-festa familjari jkun il-*Birth Day Cake* b'għadd ta' xemgħat imdeffsin fih daqs il-għadd tas-snin ta' l-individwu, li għalih ikun qiegħed isir dan il-għeliem ta' ferħ, u li dan jitfi fost iċ-ċapċip u ċ-ċekċik tat-tazzi.

Did-drawwa daħlet ġmielha fostna l-Maltin, iżda aħna l-Maltin għandna waħda li nistgħu ngħidu li hi tagħna waħedna. Din hija msejħa l-*Quċċija* u ssir darba biss — meta t-tarbija jkollha sena.

Il-ġenituri jhejju fuq mejda xi ktieb, lapes jew pinna, kuruna, bajda, xi munita, imqass u ħwejjeġ oħra. L-omm tressaq lit-tarbija fejn tilħaqhom u dawk kollha li jkunu hemm, aktarx xi qraba u ħbieb, jaraw x'jaqbdu u jżommu dawk l-idejn ċkejkna u ħelwin.

Jekk it-tarbija taqbad il-ktieb jew il-pinna, it-tifel jew tifla jkun studjuż; jekk il-kuruna jsir reliġjuż, qassis, patri jew soru; jekk jaqbad il-bajda jfisser li daru tkun mimlija daqs bajda, jiġifieri jkun għaqli; jekk il-munita ssaħħru jkun aktarx iħobb il-flus ftit iżżejjed jew jagħtiha għan-negozju; l-imqass ifisser ħjata, u allura t-tifla tkun moġbra tad-dar.

B'dan, ix-xjuħ tagħna kienu donnhom iridu jobsru x'sa jsir mit-tarbija, u nifhem li kienu jinqdew biha biex jekk jaraw fit-tarbija xi ġibda mhix għaqlija huma mill-ewwel iżommu r-riedni billi kienu jemmnu wisq li l-jum minn filgħodu juri xinhu.